PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0342/2011**

14.10.2011

# RAPPORT

dwar il-Logħob tal-Azzard Onlajn fis-Suq Intern
(2011/2084(INI))

Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

Rapporteur: Jürgen Creutzmann



*Magħquda fid-diversità*

# WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ................................3

NOTA SPJEGATTIVA ..........................................................................................................14

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET EKONOMIĊI U MONETARJI...........17

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET LEGALI................................................22

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT ...................................................26

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-Logħob tal-Azzard Onlajn fis-Suq Intern**
**(2011/2084(INI))**

*il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Marzu 2011 bl-isem ta' "Green Paper dwar il-logħob tal-azzard onlajn fis-Suq Intern" (COM(2011)0128),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 51, 52 u 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità anness mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-ġurisprudenza relevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea[1],

– wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-10 ta' Diċembru 2010 u r-rapporti ta' progress tal-Presidenza tal-Kunsill Franċiża, Svediża, Spanjola u Ungeriża dwar il-qafas għal-logħob tal-azzard u l-imħatri fl-Istati Membri tal-UE,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-10 ta' Marzu 2009 dwar l-integrità tal-logħob tal-azzard fuq l-internet[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Mejju 2008 dwar il-White Paper dwar l-Isport[3],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva[4],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiki kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u

[1] B'mod partikolari s-sentenzi mogħtija fil-każijiet li ġejjin: Schindler 1994 (C-275/92), Gebhard 1995 (C-55/94), Läärä 1999 (C-124/97), Zenatti 1999 (C-67/98), Anomar 2003 (C-6/01), Gambelli 2003 (C-243/01), Lindman 2003 (C-42/02), Fixtures Marketing Ltd v OPAP 2004 (C-444/02), Fixtures Marketing Ltd v Svenska Spel AB 2004 (C-338/02), Fixtures Marketing Ltd v Oy Veikkaus Ab 2005 (C-46/02), Stauffer 2006 (C-386/04), Unibet 2007 (C-432/05), Placanica et al. 2007 (C-338/04, C-359/04 u C-360/04), Kommission v Italien 2007 (C-206/04), Liga Portuguesa de Futebol Profissional 2009 (C-42/07), Ladbrokes 2010 (C-258/08), Sporting Exchange 2010 (C-203/08), Sjöberg u Gerdin 2010 (C-447/08 u C-448/08), Markus Stoß et al 2010 (C-316/07, C-358/07, C-359/07, C-360/07, C-409/07 u C-410/07), Carmen Media 2010 (C-46/08) u Engelmann 2010 (C-64/08).
[2] ĠU C 87E, 1.4.2010, p.30..
[3] ĠU C 271E, 12.11.2009, p.51.
[4] ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1.

2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 1997 dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi rigward ta' kuntratti li jsiru mill-bogħod[2],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu[3],

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ġunju 2011 intitolata "Il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni fl-Unjoni Ewropea",

– wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-ħarsien ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment ħieles ta' din id-dejta[4],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-dejta personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika[5],

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Jannar 2011 intitolata "L-Iżvilupp tad-Dimensjoni Ewropea fl-Isport",

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/112/KE tas-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[6],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar servizzi fis-suq intern[7],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi tas-soċjetà tal-informatika, b'mod partikulari l-kummerċ elettroniku fis-Suq Intern[8],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji kif ukoll tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0000/2011),

[1] ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22.
[2] ĠU L 144, 4.6.1997, p. 19.
[3] ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15.
[4] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
[5] ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.
[6] ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.
[7] ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.
[8] ĠU L 178, 17.07.2000, p. 1.

A. billi s-settur tal-logħob tal-azzard onlajn qiegħed jikber b'mod kostanti, u sa ċertu punt lil hinn mill-kontroll tal-gvernijiet nazzjonali taċ-ċittadini li għalihom dawn is-servizzi tal-azzard huma pprovduti u billi dan is-settur hu differenti minn swieq oħrajn minħabba r-riskji involuti f'termini ta' protezzjoni tal-konsumatur u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata,

B. billi, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, ma jeżisti l-ebda att leġiżlattiv Ewropew partikolari li jirregola l-logħob tal-azzard onlajn,

C. billi s-servizzi tal-logħob tal-azzard huma soġġetti għal numru ta' atti tal-UE bħad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva, id-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali, id-Direttiva dwar il-Bejgħ mill-Bogħod, id-Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus, id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data, id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettonika, u d-Direttiva dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud,

D. billi s-settur tal-logħob tal-azzard hu regolat b'mod differenti fi Stati Membri differenti u dan mhux biss għamilha diffiċli biex il-fornituri regolati jipprovdu servizzi tal-logħob legali fuq bażi transkonfinali, iżda ukoll biex ir-regolaturi jipproteġu l-konsumaturi u jiġġieldu kontra l-logħob tal-azzard illegali onlajn u l-kriminalità potenzjali marbuta miegħu fil-livell tal-UE,

E. billi l-valur miżjud ta' approċċ pan-Ewropew fil-ġlieda kontra l-kriminalità u l-frodi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħarsien tal-integrità tal-isports u l-protezzjoni tal-lagħaba u l-konsumaturi, hu konsiderevoli,

F. billi l-Artikolu 56 TFUE jiggarantixxi l-libertà ta' forniment ta' servizzi, iżda billi b'konsegwenza tan-natura partikolari tiegħu, il-logħob tal-azzard onlajn, kien eżentat mid-Direttivi dwar il-Kummerċ Elettroniku u dwar is-Servizzi u d-Drittijiet tal-Konsumatur,

G. billi, filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat numru ta' kwistjonijiet legali importanti li jikkonċernaw il-logħob tal-azzard onlajn fl-UE, għad hemm inċertezza legali fir-rigward ta' numru ta' kwistjonijiet oħra, li jistgħu jiġu solvuti biss fil-livell politiku; billi din l-inċertezza legali wasslet għal żieda sinifikanti fid-disponibilità ta' offerti tal-logħob tal-azzard illegali u r-riskji għoljin marbuta magħhom;

H. billi, jekk il-logħob tal-azzard onlajn ma jkunx regolamentat kif xieraq, dan jista' jkabbar ir-riskju ta' abbuż aktar mil-logħob tal-azzard fiżiku tradizzjonali u fi-post, minħabba inter alia l-faċilità akbar ta' aċċess u n-nuqqas ta' kontroll soċjali,

I. billi l-konsumaturi għandhom jiġu edukati dwar il-ħsara potenzjali tal-logħob tal-azzard onlajn u għandhom jiġu protetti mill-perikli f'dan il-qasam, speċjalment il-vizzju, il-frodi, il-qerq u l-logħob tal-azzard ta' minuri,

J. billi l-logħob tal-azzard jipprovdi sors ta' dħul konsiderevoli, li bosta Stati Membri jużaw għal skopijiet ta' benefiċċju pubbliku u għal skopijiet ta' karita' bħall-isports,

K. billi hu importanti li tiġi żgurata l-integrità tal-isports billi tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-logħob imbagħbas,

L. billi huwa essenzjali biex jintlaħqu dawn l-objettivi, li jinħolqu mekkaniżmi ta’ kontroll tal-kompetizzjonijiet sportivi u tal-flussi finanzjarji flimkien ma' mekkaniżmi ta’ sorveljanza komuni fil-livell tal-UE,

M. billi l-kooperazzjoni fil-livell internazzjonali bejn il-partijiet interessati kollha (istituzzjonijiet, federazzjonijiet sportivi u operaturi ta’ mħatri) hija essenzjali wkoll għall-ġbir flimkien ta’ prattiki tajbin,

1. Jilqa’ b’sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni Ewropea ħadet l-inizjattiva li tniedi konsultazzjoni pubblika b'rabta mal-Green Paper dwar l-imħatri u l-logħob tal-azzard onlajn li għandha tiffaċilita r-riflessjoni prammatika u realistika dwar il-futur ta' dan is-settur fl-Ewropa;

2. Jilqa’ l-kjarifika tal-Kummissjoni, li tippreċiża li l-proċess politiku mniedi bil-Green Paper, bl-ebda mod m’għandu l-għan li ma jirregolax/jilliberalizza l-logħob tal-azzard onlajn; jilqa’ l-fatt li l-Green Paper tikkunsidra l-pożizzjoni ċara u kurrenti tal-Parlament Ewropew dwar il-logħob tal-azzard; jikkundanna l-fatt li l-Kummissjoni ma għalqitx il-każijiet ta’ ksur pendenti,

3. Ifakkar fl-importanza ekonomika li qed tikber tas-settur tal-logħob tal-azzard onlajn, li d-dħul minnu kien ta' 'l fuq minn EUR 6 biljuni , jew 45 % tas-suq dinji, fl-2008; jaqbel mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li din hija attività ekonomika b'karatteristiċi speċifiċi; ifakkar li dan it-tkabbir ifisser ukoll żieda fl-ispiża soċjali li tirriżulta minn imġiba kompulsiva u prattiki illegali mil-logħob tal-azzard;

4. Hu tal-fehma li r-regolamentazzjoni effikaċi tas-settur tal-logħob tal-azzard onlajn għandha b’mod partikolari

(1) tidderieġi l-istint naturali tan-nies għal-logħob billi tillimita r-reklamar għal dak illi huwa strettament neċessarju biex il-lagħaba potenzjali jiġu diretti lejn il-forniment legali tas-servizzi u billi teżiġi li r-reklamar kollu tal-logħob tal-azzard onlajn ikun akkumpanjat sistematikament minn messaġġ ta’ twissija kontra l-logħob tal-azzard eċċessiv jew patoloġiku;

(2) tiġġieled kontra s-settur tal-logħob tal-azzard illegali billi ssaħħaħ l-istrumenti tekniċi u legali li jippermettu li jiġu indentifikati u kkastigati l-operaturi illegali u billi tippromwovi il-forniment legali ta’ servizzi tal-logħob tal-azzard legali ta’ kwalità;

(3) tiżgura l-protezzjoni tal-lagħaba, billi tagħti attenzjoni speċifika lill-gruppi vulnerabbli, b’mod partikolari liż-żgħażagħ,

(4) tipprevjeni r-riskju tal-vizzju tal-logħob tal-azzard, u

(5) tiżgura li l-logħob tal-azzard isir kif suppost, b’mod ġust, responsabbli u trasparenti,

(6) tiżgura l-promozzjoni ta' azzjonijiet konkreti li jiggarantixxu l-integrità tal-kompetizzjonijiet sportivi,

(7) tiżgura li parti mill-valur tal-imħatri tmur għall-korpi sportivi u ta' tiġrijiet taż-

żwiemel,

(8) tiżgura li parti sostanzjali tad-dħul tal-gvern mil-logħob tal-azzard jintuża għal skopijiet ta' benefiċċju pubbliku u għal skopijiet ta' karità, u

(9) tiżgura li l-logħob jinżamm ħieles mill-kriminalità, il-frodi u minn kull forma ta' ħasil tal-flus;

5. Iqis li din ir-regolamentazzjoni għandha l-potenzjal li tiżgura li l-konsumaturi u l-pubbliku jkunu attratti lejn il-kompetizzjonijiet sportivi, kif ukoll li tiżgura li r-riżultati sportivi jibqgħu kredibbli u l-kompetizzjonijiet jżommu l-pretiġju tagħhom;

6. Jenfasizza l-pożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, li l-internet huwa biss mezz minn fejn jiġi offrut il-logħob tal-azzard, minkejja li dan ma jaffettwax il-possibilità li l-Istati Membri jiddeċiedu dwar l-approċċ speċifiku li għandhom jieħdu biex jiġi regolat il-logħob tal-azzard fuq l-internet, u jħallilhom il-possibilità li jillimitaw jew jeskludu ċerti servizzi offruti lill-konsumaturi;

***Prinċipju ta' sussidjarjetà u valur Ewropew miżjud***

7. Jenfasizza li kwalunkwe regolamentazzjoni tas-settur tal-logħob tal-azzard hi soġġetta għal, u għandha tkun sostnuta mill-prinċipju ta' sussidjarjetà, b'kunsiderazzjoni tat-tradizzjonijiet u kulturi differenti fl-Istati Membri, li għandhom jitqiesu bħala "sussidjarjetà attiva", li twassal għal kooperazzjoni fost l-amministrazzjonijiet nazzjonali; iqis, madankollu, li dan il-prinċipju jimplika konformità mar-regoli tas-suq intern sakemm dan jiġu applikati bi qbil mas-sentenza tal-ECJ rigward il-logħob tal-azzard;

8. Jenfasizza li fatt l-Istati Membri għandhom id-dritt li jirregolaw u jikkontrollaw is-settur tal-logħob tal-azzard tagħhom bi qbil mal-leġiżlazzjoni tas-suq intern Ewropew u mat-tradizzjonijiet u l-kultura tagħhom;

9. Huwa tal-opinjoni li proposta għal servizzi ta' logħob tal-azzard attraenti u regolamentata tajjeb, kemm fuq l-Internet u ukoll permezz ta' kanali tradizzjonali bil-preżenza fiżika tal-lagħab, hi meħtieġa biex jiġi żgurat li l-konsumaturi ma jużawx operaturi li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti nazzjonali għall-ħruġ ta' liċenzji;

10. Jinsisti fuq il-ħtieġa li l-lagħaba jiġu skoraġġuti milli jieħdu sehem f'logħob tal-azzard illegali, jiġifieri servizzi leċiti għandhom ikunu pprovduti bħala parti minn sistema li hija koerenti madwar l-Ewropa, speċjalment f'termini ta' trattament fiskali, u li tapplika standards minimi komuni ta' responsabilità u integrità; jistieden lill-Kummissjoni, b'attenzjoni xierqa għall-prinċipju tas-sussidjarjetà, biex tinvestiga kif dawn l-istandards komuni għandhom ikunu implimentati, inkluża l-kwistjoni jekk qafas leġiżlattiv Ewropew li jistipola r-regoli minimi ikunx xieraq;

11. Jirrifjuta għalhekk kwalunkwe strument leġiżlattiv Ewropew li jirregola b'mod uniformi s-settur tal-logħob tal-azzard kollu kemm hu, iżda, madankollu huwa tal-fehma li jista' jinkiseb valur miżjud ċar minn approċċ Ewropew koordinat f'xi oqsma partikolari, flimkien ma' regolamentazzjoni nazzjonali, meta titqies in-natura transkonfinali tas-

servizzi tal-azzard onlajn;

12. Jirrikonoxxi l-libertà li tingħata lill-Istati Membri fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-logħob tal-azzard filwaqt li jiġu żgurati l-prinċipji bażiċi tat-TUE dwar in-nondiskriminazzjoni u l-proporzjonalità; jirrispetta, f'dan il-kuntest, id-deċiżjoni ta' numru ta' Stati Membri li jipprojbixxu kull tip ta' jew ċerti tipi ta' logħob tal-azzard onlajn jew li jżommu monopolji governattivi fuq dan settur, bi qbil mal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, sakemm dawn jadottaw approċċ koerenti;

13. Jinnota li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rrikonoxxiet kemm-il darba fis-sentenzi tagħha li l-għoti ta' drittijiet esklużivi lil operatur wieħed soġġett għal kontroll strett ta' awtorità pubblika jista' jkun mezz biex titjieb il-protezzjoni tal-konsumatur kontra l-frodi u biex il-kriminalità marbuta mas-setturi tal-logħob tal-azzard onlajn tiġi miġġielda b'mod aktar effettiv;

14. Jindika li l-logħob tal-azzard onlajn huwa attività ekonomika speċjali, li għalih ir-regoli tas-suq intern, b'mod partikolari l-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, ma japplikawx mingħajr restrizzjoni; jirrikonoxxi madankollu l-każistika konsistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li tenfasizza li l-kontrolli nazzjonali għandhom jgħaddu b'liġi u jiġu applikati b'mod konsistenti, proporzjonat u nondiskriminatorju;

15. Jenfasizza li, minn naħa waħda, il-fornituri tal-logħob tal-azzard onlajn għandhom f'kull każ josservaw il-liġijiet nazzjonali tal-pajjiżi fejn jopera dak il-logħob, u min-naħa l-oħra, l-Istati Membri għandhom iżommu d-dritt esklussiv li jimponu l-miżuri kollha li jidhrulhom meħtieġa biex jindirizzaw il-logħob tal-azzard illegali onlajn ħalli jimplimentaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali u jeskludu lill-fornituri illegali mill-aċċess għas-suq;

16. Huwa tal-fehma li l-prinċipju ta' rikononxximent reċiproku ta' liċenzji fis-settur tal-logħob tal-azzard mhuwiex applikabbli, iżda madankollu, fl-interess tal-prinċipji tas-suq intern, jinsisti li l-Istati Membri li jiftħu s-settur tal-logħob tal-azzard onlajn tagħhom għall-kompetizzjoni għal kull tip jew għal ċertu tip ta' logħob tal-azzard onlajn, għandhom jiżguraw t-trasparenza u għandhom iwasslu għal kompetizzjoni non-diskriminatorja; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex f'din l-eventwalità jintroduċu mudell ta' liċenzjar li jippermetti li kwalunkwe fornitur Ewropew ta' logħob tal-azzard li jissodisfa l-kundizzjonijiet imposti mill-Istat Membru ospitanti jkun jista' japplika għal liċenzja; jistgħu jinħolqu proċeduri ta' applikazzjoni għal liċenzji, li jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi billi jevitaw l-irduppjar mhux meħtieġ ta' rekwiżiti u kontrolli mwettqa fi Stati Membri oħra, f'dawk l-Istati Membri li jkunu implimentaw sistema ta' liċenzjar, filwaqt li jiżguraw rwol preminenti għar-regolatur fl-Istat Membru li fih tkun tressqet l-applikazzjoni; iqis, għalhekk, li teħtieġ tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn ir-regolaturi nazzjonali permezz ta' kooperazzjoni amministrattiva msaħħa u aktar mill-qrib; jirrispetta, barra minn hekk, id-deċiżjoni ta' uħud mill-Istati Membri, li jistabbilixxu n-numru ta' operaturi, it-tipi u l-kwantitajiet ta' logħob offrut, sabiex jipproteġu l-konsumaturi u jipprevjenu l-kriminalità, sakemm dawn ir-restrizzjonijiet ikun proporzjonati u jirriflettu t-tħassib dwar il-limitazzjoni tal-attivitajiet f'dan is-settur b'mod konsistenti u sistematiku;

17. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora – bi qbil mal-prinċipju ta' "sussidjarjetà attiva" – kull

għodda u jew miżura possibbli fil-livell tal-UE mfassla biex jipproteġu konsumaturi vulnerabbli, jipprevjenu l-vizzju u jiġġieldu kontra l-operaturi illegali fil-qasam tal-logħob tal-azzard, inkluż il-kooperazzjoni formalizzata bejn ir-regolaturi nazzjonali, l-istandards komuni għall-operaturi jew direttiva qafas; huwa tal-opinjoni li l-ewwel pass jista' jkun il-ħolqien ta' kodiċi tal-kondotta pan-Ewropew għal-logħob tal-azzard onlajn maqbul bejn ir-regolaturi u l-operaturi;

18. Huwa tal-fehma li kodiċi tal-kondotta pan-Ewropew għal-logħob tal-azzard onlajn, għandu jindirizza d-drittijiet u l-obbligi kemm tal-fornitur tas-servizz u kemm tal-konsumatur; iqis li dan il-kodiċi tal-Kondotta għandu jgħin biex jiżgura logħob tal-azzard responsabbli, livell għoli ta' protezzjoni għal-lagħaba, b'mod partikolari fil-każ ta' minuri u persuni vulnerabbli oħra, jappoġġa mekkaniżmi kemm fil-livell tal-UE u dak nazzjonali li jiġġieldu kontra l-ċiberkriminalità, il-frodi u r-reklamar qarrieq u fl-aħħar nett jipprovdu qafas ta' prinċipji u regoli li jiżguraw li l-konsumaturi jgawdu l-istess protezzjoni fl-UE;

19. Jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jaħdmu aktar biex jipprevjenu l-fornituri ta' logħob tal-azzard illegali milli joffru s-servizzi tagħhom onlajn, pereżempju billi joħolqu listi suwed ta' fornituri tal-logħob tal-azzard illegali; jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-possibilità li tipproponi strumenti legalment vinkolanti li jobbligaw lill-banek, lil dawk li joħorġu karti ta' kreditu u lil parteċipanti ta' sistemi ta' ħlas fl-UE biex jimblukkaw, abbażi tal-listi suwed nazzjonali, it-transazzjonijiet bejn il-klijenti tagħhom u l-fornituri ta' logħob tal-azzard li m'għandhomx liċenzja fil-ġurisdizzjoni tagħhom, mingħajr ma jxekklu t-transazzjonijiet leġittimi;

20. Jirrispetta d-dritt tal-Istati Membri li jużaw varjetà wiesgħa ta' miżuri repressivi kontra offerti ta' logħob tal-azzard illegali onlajn; jappoġġa, biex tiżdied l-effiċjenza tal-ġlieda kontra l-offerti tal-logħob tal-azzard illegali onlajn, l-introduzzjoni ta' prinċipju regolatorju li bih kumpanija tal-logħob tal-azzard tista' topera biss (jew tixħet offerta għal-liċenzja nazzjonali meħtieġa) fi Stat Membru jekk ma toperax bi ksur tal-liġi fi Stat Membru ieħor tal-UE;

21. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni bħala l-gwardjan tat-Trattati, u lill-Istati Membri, biex ikomplu jwettqu kontrolli effikaċi fuq il-konformità mal-liġi tal-UE;

22. Jinnota l-fatt li seta' jsir aktar progress fil-kawżi ta' ksur pendenti mill-2008 'l hawn u li l-ebda Stat Membru ma tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli l-investigazzjoni tagħha dwar inkonsistenzi possibbli fil-leġiżlazzjoni dwar il-logħob tal-azzard tal-Istati Membri (offlajn u onlajn) mat-TFUE u – fejn meħtieġ – issegwi dawk il-proċeduri ta' ksur li huma pendenti mill-2008 biex tiġi żgurata dik il-konsistenza; ifakkar lill-Kummissjoni, bħala "l-gwardjan tat-Trattati", dwar dmirijietha li taġixxi malajr meta tirċievi lmenti ta' ksur tal-libertajiet stabbiliti fit-Trattati; ifakkar lill-Kummissjoni, għalhekk, biex b'mod urġenti u sistematiku tmexxi kawżi ta' ksur ġodda kif ukoll dawk eżistenti;

***Kooperazzjoni bejn il-korpi regolatorji***

23. Huwa mħasseb dwar il-frammentazzjoni li tista’ tirriżulta fis-suq Ewropew tal-logħob tal-azzard onlajn, li tista' xxekkel l-iżvilupp ta’ offerti ta' logħob tal-azzard legali, speċjalment fl-Istati Membri ż-żgħar;

24. Jitlob għal kooperazzzjoni aktar estiża fost il-korpi regolatorji nazzjonali mgħammra b’kompetenzi suffiċjenti u kkoordinati mill-Kummissjoni, biex jiżviluppaw standards komuni u biex jaġixxu flimkien kontra operaturi tal-logħob tal-azzard onlajn li joperaw mingħajr il-liċenzja nazzjonali meħtieġa; jiddikjara li l-isforzi nazzjonali individwali spiss m’għandhomx suċċess, b'mod partikolari biex jidentifikaw lagħaba fuq listi suwed u biex jiġġieldu kontra l-ħasil tal-flus, imħatri imbagħbsa u forom oħra ta' kriminalità organizzata; f'dan il-kuntest; iqis li l-ħolqien ta’ regolatur b’setgħat adegwati f’kull Stat Membru jikkostitwixxi pass importanti lejn koperazzjoni regolatorja aħjar u aktar effikaċi; jiddikjara li s-Sistema ta' Tagħrif tas-Suq Intern tista' sservi ta' bażi għal kooperazzjoni aktar effettiva fost il-korpi regolatorji nazzjonali; jieħu nota tal-inizjattivi minn regolaturi nazzjonali għal ħidma aktar mill-qrib, bħan-netwerk tal-Forum Ewropew ta' Regolaturi tal-Logħob tal-Azzard (GREF) u l-Pjattaforma Regolatorja Ewropea; jitlob kooperazzjoni aħjar u aktar mill-qrib fost l-Istati Membri tal-UE, il-Europol u l-Eurojust fil-ġlieda kontra l-logħob tal-azzard illegali, il-frodi, il-ħasil tal-flus u reati finanzjarji oħra fil-qasam tal-logħob tal-azzard onlajn;

25. Jinnota, b'mod partikulari li l-ispread betting – forma ta' logħob tal-azzard li jsir primarjament onlajn u fejn il-konsumaturi jistgħu potenzjalment jitilfu ħafna aktar mill-imħatra inizjali tagħhom – jeħtieġ kunidzzjonijiet stretti ħafna li jiggvernaw l-aċċess tal-konsumaturi u li għandhom ikunu regolati, bħalma huwa diġà l-każ f'numru ta' Stati Membri, fir-rigward tad-derivattivi finanzjarji;

26. Huwa tal-fehma li forom differenti ta' logħob tal-azzard onljan – bħalma huwa logħob interattiv rapidu taċ-ċans li jintlagħab fuq frekwenza ta' ftit sekondi, l-imħatri, u l-lotteriji li jinvolvu tlugħ ta’ kull ġimgħa – huma differenti minn xulxin u jeħtieġu soluzzjonijiet differenti peress li xi forom ta' logħob tal-azzard jippermettu opportunitajiet ikbar ta' abbuż minn oħrajn; jinnota, b'mod partikolari, li l-opportunità għall-ħasil tal-flus tiddependi fuq is-saħħa tal-proċedura ta’ identifikazzjoni, it-tip ta' logħba u l-metodi ta' ħlas użati, li jagħmlu neċessarju, fir-rigward ta' xi forom ta' logħob, li l-logħob ikun immonitorjat f’ħin reali u jitwettaq kontroll aktar strett milli huwa l-każ b'forom oħra ta' logħob;

27. Jenfasizza l-bżonn li tkun indirizzata l-protezzjoni tal-kontijiet tal-konsumaturi miftuħin minħabba l-logħob tal-azzard onlajn f'każ li l-fornitur tas-servizz ifalli; jissuġġerixxi, għalhekk, li kull leġiżlazzjoni futura jkollha l-għan li tipproteġi d-depożiti f'każ fejn ikunu imposti multi fuq siti elettroniċi partikolari, jew proċeduri legali kontrihom;

28. Jitlob lill-Kummissjoni tappoġġja lill-konsumaturi jekk jiġu affettwati minn prattiki illegali u joffrulhom għajnuna legali;

29. Jirrakkomanda l-introduzzjoni ta’ standards minimi uniformi ta’ identifikazzjoni elettronika pan-Ewropej; iqis li għandha ssir reġistrazzjoni b’tali mod li tkun stabbilita l-identità tal-lagħab u fl-istess ħin tiżgura li l-lagħab jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu massimu ta’ kont wieħed għal-logħob tal-azzard għal kull kumpanija tal-logħob tal-azzard; jenfasizza li reġistrazzjoni u s-sistemi ta' verifika b’saħħithom huma għodod

ewlenin fil-prevenzjoni ta' kull użu ħażin ta' logħob tal-azzard onlajn, bħalma hu l-ħasil tal-flus;

30. Hu tal-fehma li l-UE teħtieġ tadotta standards komuni għall-protezzjoni tal-konsumatur sabiex il-konsumaturi, b'mod partikolari dawk il-lagħaba vulnerabbli u ż-żgħażagħ, ikunu protetti b'mod effikaċi mill-aspetti negattivi tal-logħob tal-azzard onlajn; jenfasizza, f'dan il-kuntest, li jeħtieġ li jiddaħlu fis-seħħ proċessi ta' kontroll u ta' protezzjoni qabel ma tinbeda kull attività ta' logħob tal-azzard u li dawn għandhom jinkludu, inter alia, il-verifika tal-età, restrizzjonijiet ta' ħlas elettroniku u ta’ trasferimenti ta' fondi bejn kontijiet ta' logħob tal-azzard u rekwiżit għall-operaturi li jqiegħdu avviżi dwar l-età legali, l-imġiba ta' riskju għoli, logħob tal-azzard kompulsiv u punti ta' kuntatt nazzjonali fuq is-siti tal-logħob tal-azzard onlajn;

31. Jitlob li jintużaw metodi effikaċi biex tiġi miġġielda l-problema tal-logħob tal-azzard, inter alia permezz tal-projbizzjoni tal-logħob tal-azzard u permezz ta’ limiti obbligatorji fuq in-nefqa matul perjodu partikolari, għalkemm stabbiliti mill-konsumatur innifsu; jenfasizza li, b'żieda ma’ dan, għandu jgħaddi perjodu ta’ żmien qabel, ma jkun jista' jiżdied il-limitu ta' nfiq;

32. Jenfasizza li logħob tal-azzard kompulsiv huwa fil-fatt diżordni fl-imġiba li jista' jaffettwa sa 2% tal-popolazzjoni f'xi pajjiżi; jitlob, għalhekk, li jsir stħarriġ dwar id-daqs tal-problema f'kull Stat Membru tal-UE bħala bażi għal strateġija integrata mfassla biex tipproteġi l-konsumaturi minn dan il-vizzju; huwa tal-fehma li hekk kif jinħoloq kont tal-logħob tal-azzard, għandha tkun disponibbli informazzjoni komprensiva u preċiża rigward il-logħob tal-azzard, dwar logħob tal-azzard responsabbli u dwar opportunitajiet għat-trattament ta' dipendenza fuq il-logħob tal-azzard;

33. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw studji diġà mwettqa f'dan il-qasam, jiffukaw fuq riċerka li teżamina l-inċidenza, il-formazzjoni u t-trattament tal-vizzju tal-logħob tal-azzard u jiġbru u jippubblikaw l-istatistika fuq il-kanali kollha (onlajn u offlajn) dwar is-setturi tal-logħob tal-azzard u l-vizzju tal-logħob tal-azzard sabiex jipproduċu data komprensiva dwar is-settur tal-logħob tal-azzard kollu kemm hu fl-UE; jenfasizza l-ħtieġa ta’ statistika minn sorsi indipendenti b’mod partikolari rigward il-vizzju tal-logħob tal-azzard;

34. Jitlob lill-Kummissjoni tniedi l-ħolqien ta’ netwerk ta’ organizzazzjonijiet nazzjonali li jieħdu ħsieb dawk bil-vizzju tal-logħob tal-azzard, sabiex dawn jaqsmu l-esperjenzi u l-aħjar prattiki tagħhom;

35. Josserva li skont studju ppubblikat reċentement[1], is-settur tal-logħob tal-azzard kien identifikat bħala dak is-settur li l-aktar ta’ spiss huwa nieqes minn mekkaniżmu ta’ riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim; jissuġġerixxi għalhekk li l-aġenziji regolatorji nazzjonali jistgħu jistabbilixxu modi ta’ riżoluzzjoni alternattivi tat-tilwim għas-settur tal-logħob tal-azzard onlajn;

[1] Studju dwar "Cross-Border Alternative Dispute Resolution in the European Union" (Modi Alternattivi ta’ Soluzzjoni tat-Tilwim Transkonfinali), 2011, http://www.europarl.europa.eu/activities/committees/studies/download.do?language=en&file=41671.

*Il-logħob tal-azzard u l-isports: il-ħtieġa li tiġi żgurata l-integrità*

36. Jinnota li r-riskju ta' frodi fil-kompetizzjonijiet sporitvi – anke jekk kienu jeżistu minn dejjem - żdied b'mod qawwi sa mill-ħolqien tas-settur tal-imħatri fuq l-isports onlajn u jirrappreżenta riskju għall-integrità tal-isports; għalhekk hu tal-opinjoni li għandha tkun żviluppata definizzjoni komuni ta' frodi u qerq fl-isports u li frodi f'imħatri għandhom jiġu kkastigati bħala reat kriminali madwar l-Ewropa kollha;

37. Jitlob għal strumenti li jżidu l-kooperazzjoni transkonfinali tal-pulizija u tal-ġudikatura, li tinkludi l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni ta' logħob mixtri fir-rigward tal-imħatri tal-isports; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw servizzi ta' prosekuzzjoni speċjalizzati b'responsabilità primarja għall-investigazzjoni tal-każijiet ta' xiri ta' logħob; jitlob li jitqies qafas ta' kooperazzjoni mal-organizzaturi ta' kompetizzjonijiet sportivi bil-għan li jkun iffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-korpi ta' dixxiplina sportiva u l-awtoritajiet investigattivi statali u l-aġenziji ta' prosekuzzjoni, bit-tfassil ta' pereżempju, netwerks u ta' punti ta' kuntatt nazzjonali speċjalizzati b'mod speċifiku biex jitrattaw każijiet ta' xiri ta' logħob; dan għandu jseħħ, fejn xieraq, b'kooperazzjoni mal-operaturi tal-logħob tal-azzard;

38. Iqis, għaldaqstant, li għandha titfassal definizzjoni uniformi ta' frodi fl-isports fil-livell Ewropew u li din għandha tiddaħħal fid-dritt kriminali tal-Istati Membri kollha;

39. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ir-rabtiet bejn l-organizzazzjonijiet kriminali u l-iżvilupp tax-xiri tal-logħob marbuta mal-imħatri onlajn, li l-qligħ minnhom jintuża biex jalimenta attivitajiet kriminali oħra;

40. Jinnota li bosta pajjiżi Ewropej diġà adottaw leġiżlazzjoni stretta kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-imħatri fuq l-isports, frodi fl-isports (klassifikati bħala offiża speċifika u kriminali) u kunflitti ta' interessi bejn l-operaturi tal-imħatri u klabbs tal-isports, timijiet jew atleti attivi;

41. Jinnota li l-operaturi liċenzjati onlajn fl-UE diġà jwettqu rwol fl-identifikar ta' każijiet potenzjali ta' korruzzjoni fl-isports;

42. Jenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni għall-protezzjoni tal-integrità tal-isports; jitlob, għalhekk, li l-Istati Membri u l-federazzjonijiet sportivi jinformaw u jedukaw lill-isportivi u lill-konsumaturi b'mod adegwat, sa minn età żgħira u fil-livelli kollha (kemm dawk dilettanti u professjonali);

43. Huwa konxju tal-importanza partikolari tal-kontribuzzjoni li ssir mid-dħul mil-logħob tal-azzard għall-finanzjament tal-isports fil-livelli professjonistiċi u dilettantistiċi kollha fl-Istati Membri, inkluż miżuri li jissalvagwardjaw l-integrità tal-kompetizzjonijiet sportivi minn immanipular tal-imħatri; jistieden lill-Kummissjoni tesplora modi ta' finanzjament alternattivi, filwaqt li tirrispetta l-prattiki fl-Istati Membri, fejn id-dħul mill-imħatri tal-isports jista' jintuża regolarment biex jissalvagwardja l-integrità tal-kompetizzjonijiet sportivi mill-manipulazzjonijiet tal-imħatri, filwaqt li tqis li kwalunkwe mekkaniżmu ta' finanzjament m'għandu jwassal għal sitwazzjoni li minnha jibbenefikaw biss numru żgħir ta' sports professjonali imxandra b'mod estensiv fuq it-televiżjoni filwaqt li sports ieħor u

speċjalment l-isports aktar bażiku jara l-finanzjament ġenerat mill-imħatri tal-isports jonqos;

44. Ifakkar lill-Kummissjoni għal darb'oħra dwar l-importanza ta' iffinanzjar mil-lotteriji għall-isports u għal kawżi ġusti u jħeġġiġha tipproponi miżuri li jiżguraw din il-funzjoni tas-soċjetà; f'dan il-kuntest ifakkar ukoll il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2010;

45. Itenni għal darb' oħra l-pożizzjoni tiegħu li l-imħatri tal-isports huma forma ta' użu kummerċjali tal-kompetizzjonijiet sportivi; jirrakkomanda li l-kompetizzjonijiet sportivi jiġu protetti minn użu kummerċjali mhux awtorizzat, b'mod partikolari billi jirrikonoxxi d-drittijiet tal-proprjetà tal-organizzaturi ta' avvenimenti sportivi, mhux biss sabiex jiżguraw ritorn finanzjarju ġust għall-benefiċċju tal-livelli kollha ta' sport professjonistiċi u dilettantistiċi, iżda ukoll bħala mezz biex tissaħħaħ il-ġlieda jkontra l-frodi sportivi, b'mod partikolari x-xiri ta' logħob;

46. Jenfasizza li l-ħolqien ta' ftehimiet legalment vinkolanti bejn l-organizzaturi tal-kompetizzjonijiet sportivi u l-operaturi tal-logħob tal-azzard onlajn għandu jiżgura relazzjoni aktar bilanċjati bejn iż-żewġ partijiet;

47. Jinnota l-importanza tat-trasparenza fis-settur tal-logħob tal-azzard onlajn; jipprevedi, f'dan ir-rigward, obbligi ta' rappurtar annwali, li għandu juri, inter alia, liema attivitajiet ta' interess ġenerali u/jew kompetizzjonijiet sportivi huma ffinanzjati u/jew sponsorjati permezz tal-profitti mil-logħob tal-azzard; jitlob lill-Kummissjoni tinvestiga l-possibilità ta' rappurtar obbligatorju annwali.

48. Jinnota l-ħtieġa li tingħata alternattiva affidabbli għal servizzi tal-logħob tal-azzard illegali; jenfasizza l-ħtieġa ta' soluzzjonijiet prammatiċi dwar ir-reklamar u l-isponsorizzar ta' avvenimenti sportivi permezz tal-operaturi tal-logħob tal-azzard fuq l-internet; hu tal-fehma li għandhom jiġu adottati standards ta' reklamar komuni li jipprovdu protezzjoni adegwata għal konsumaturi vulnerabbli, iżda li fl-istess ħin jippermettu l-isponsorizzar ta' avvenimenti internazzjonali;

49. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaħdmu mal-partijiet interessati kollha tal-isports bil-għan li jiġu identifikati l-mekkaniżmi xierqa meħtieġa biex jippreservaw l-integrità tal-isports u l-iffinanzjar tal-isports fil-livell bażiku;

50. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

## NOTA SPJEGATTIVA

Is-suq tal-logħob tal-azzard onlajn qiegħed dejjem jikber. Skont l-aktar ċifri reċenti, madwar 10% tal-logħob tal-azzard kollu fl-Ewropa – ċifra li għadha tikber – jsir permezz tal-internet jew permezz ta' kanali ta' distribuzzjoni komparabbli oħra bħat-telefown ċellulari jew pjattaformi għat-televiżjoni interattiva, b'suq b'volum ta' aktar minn EUR 10 biljun.

Is-suq għal logħob tal-azzard li jitlob il-preżenza fiżika, tal-lagħab fuq il-post u s-settur tal-logħob tal-azzard onlajn huma kkaratterizzati minn firxa wiesgħa ta' prodotti: lotteriji tradizzjonali, iżda ukoll minn imħatri dwar l-isports, poker, bingo, u imħatri totallizzaturi fuq tiġrijiet taż-żwiemel u tal-greyhounds.

L-internet, min-natura tiegħu stess, hu mezz transkonfinali. Għalhekk, il-logħob tal-azzard onlajn ma jiqafx mal-fruntieri. In-numru dejjem jikber ta' lagħaba u l-firxa dejjem usa' ta' offerti jikkonfermaw il-frammentazzjoni tas-suq li teżisti fl-Ewropa f'dan il-qasam. Hemm għadd ġmielu ta' Stati Membri li għandhom projbizzjoni totali jew projbizzjonijiet b'riżerva ta' awtorizzazzjoni, filwaqt li oħrajn għandom suq kompletament miftuħ u liberalizzat.

Kif sostniet kemm-il darba l-Qorti tal-Ġustizzja f'bosta sentenzi tagħha, il-logħob tal-azzard mhux servizz normali. Għalhekk dawn is-servizzi gew espliċitament esklużi mid-Direttiva dwar is-Servizzi, madankollu huwa ovvju li l-libertà ta' forniment ta' servizzi skont l-Artikolu 56 tat-TFUE tapplika wkoll għal-logħob tal-azzard. L-Istati Membri jistgħu, inter alia, abbażi tal-Artikoli 51 u 52 tat-TFUE, jistgħu jirregolaw is-swieq tagħhom huma stess, sakemm l-arranġamenti regolatorji jkunu koerenti mal-għanijiet li jeħtieġ jinkisbu, pereżempju bħall-ġlieda kontra l-vizzju tal-logħob tal-azzard.

Peress li t-tradizzjonijiet nazzjonali f'dan is-settur huma differenti ħafna, il-prinċipju tas-sussidjarjetà jwettaq rwol partikolarment importanti f'dan il-qasam. Fil-parti l-kbira tagħhom, huma l-Istati Membri nfushom li jiddeterminaw kważi kompletament il-mod li bih jirregolaw is-setturi tal-logħob tal-azzard tagħhom. Madankollu, fir-rigward tal-internet, din it-tip ta'diverġenza regolatorja konsiderevoli twassal ukoll għal distorsjonijiet fis-suq. Fornituri tal-logħob tal-azzard minn Stati Membri bi swieq miftuħa u b'rati ta' taxxa baxxi huma aċċessibbli ukoll fi Stati Membri li jipprojbixxu l-logħob tal-azzard onlajn jew fejn ikunu jistgħu jikkompetu ma' fornituri liċenzjati onlajn. Huwa prattikament impossibbli li dawn il-fornituri u l-fornituri ta' servizzi ta' logħob tal-azzard li jeħtieġu l-preżenza tal-lagħab fuq il-post, minn dawn il-pajjiżi, ikunu kompetittivi. Barra minn hekk, jeżisti suq klandestin sostanzjali anke fuq l-internet.

L-għan prinċipali għalhekk għandu jkun dak li s-suq l-iswed (jew griż) jitnaqqas fil-parti l-kbira tiegħu. Possibilità waħda hi li l-Istati Membri jirrikonoxxu li l-għan għandu jkun li jimponu projbizzjoni totali, li, madankollu, imbgħad teħtieġ li tkun infurzata b'mod strett. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà jippermetti li l-Istati Membri jiddeċiedu dwar din il-possibilità.

Madankollu, ikun aħjar li kieku tinħoloq leġiżlazzjoni li tirregola l-offerti tal-logħob tal-azzard onlajn. Madanakollu fl-ebda ħin m'għandu jwassal għall-ħolqien ta' monopolju (statali) fuq il-logħob tal-azzard onlajn, peress li l-monopolji rarament jiżguraw forniment adegwat. Bl-istess mod, is-suq għandu jinfetaħ u għandhom jinħolqu biżżejjed inċentivi li

jippermettu lill-intrapriżi jfornu l-offerti għal-logħob tal-azzard tagħhom fil-legalità. L-aħjar approċċ biex dan iseħħ hu permezz ta' mudell ta' liċenzjar li jkuun ibbażat fuq il-prinċipju ta' kompetizzjoni non-diskriminatorja. F'din it-tip ta' sistema, li diġà ġiet introdotta b'suċċess f'xi Stati Membri fosthom Franza u l-Italja, huma l-korpi regolatorji nazzjonali li jistipolaw il-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-liċenzji. Fi Franza, pereżempju, il-proporzjon ta' fornituri legali żdied bil-kbir wara l-introduzzjoni ta' sistema ta' liċenzjar: il-fornituri liċenzjati issa jirrappreżentaw aktar minn 80% tas-settur Franċiż tal-logħob tal-azzard onlajn. Biex tkun evitata d-diskriminazzjoni, in-numru ta' liċenzji disponibbli għandu jkun kbir biżżejjed jew ma għandux ikun limitat; Barra minn hekk, m'għandux ikun hemm diskriminazzjoni indiretta, perżempju fil-qasam tal-istandards tekniċi.

Suq tal-logħob tal-azzard onlajn miftuħ u regolat jeħtieġ korp regolatorju nazzjonali indipendenti u b'saħħtu. Dan għandu jistabbilixxi, u fuq kollox jinforza, il-qafas tal-kundizzjonijiet għal-logħob tal-azzard u jinfurzah. Ir-regolaturi nazzjonali għandhom għalhekk jingħataw is-setgħat meħtieġa biex jikkastigaw kull ksur u biex jaġixxu kontra fornituri illegali.

Madankollu, minħabba n-natura transkonfinali tal-internet, l-Istati Membri waħidhom ma jistgħux jirregolaw l-oqsma kollha tal-logħob tal-azzard onlajn. Għalhekk hu importanti li tiżamm kooperazzjoni estensiva bejn il-korpi regolatorji nazzjonali. S'issa kien hemm biss kooperazzjoni limitata pereżempju permezz ta' proċeduri bilaterali. Hemm bżonn ta' kooperazzjoni istituzzjonalizzata bbażata fuq is-Sistema ta' Informazzjoni Dwar is-Suq Intern, lil tippermetti li jseħħ skambju effiċjenti u rapidu tal-informazzjoni. Huwa konċepibbli wkoll netwerk estensiv ta' regolaturi kkoordinat mill-Kummissjoni. Hija biss dispożizzjoni tal-Unjoni Ewropea li tista' tipprevjeni fornituri mhux regolati milli japprofittaw ruħhom minn lakuni regulatorji u milli jġeldu lill-korpi regolatorji nazzjonali. Għalhekk, l-isfida għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri għandha tkun li jaġixxu minnufih biex jipproteġu l-konsumaturi Ewropej minn fornituri dubjużi.

Il-logħob tal-azzard iġib miegħu riskju ta' dipendenza. Studji juru li, sa mill-introduzzjoni tal-logħob tal-azzard onlajn madwar 10 snin ilu, kien hemm żieda sinifikanti fin-numru ta' nies li fittxew l-għajnuna f'ċentri ta' appoġġ għal dawk bil-vizzju tal-logħob tal-azzard. Diġà jeżistu bosta inizjattivi – kemm minn korpi regolatorji u fil-forma ta' kodiċi ta' kondotta u ta' impenn – li fittxew li joħonqu l-problem tal-logħob tal-azzard fuq l-internet u l-vizzju tal-logħob tal-azzard. Madankollu, mhuwiex tajjeb li jiġu applikati standards differenti fid-diversi Stati Membri. F'ħafna mill-Istati Membri hemm protezzjoni tajba ħafna mill-fornituri tal-logħob tal-azzard onlajn sew pubbliċi u sew privati. Madankollu, dawn huma bbażati fuq standards purament nazzjonali u għalhekk mhumiex kompatibbli mal-kunċett tas-Suq intern. Pereżempju f'xi Stati Membri jeżisti dokument elettroniku li jservi għall-verifika tal-identità fuq l-internet. Ħafna persuni barranin ma jkollhomx dokument bħal dan u għalhekk huma esklużi milli jaċċedu għal-logħob tal-azzard onlajn f'dak l-Istat, anki jekk ikunu joqogħdu fih b'mod permanenti. Għal dan il-għan, huwa importanti li jkun hemm standards tekniċi Ewropej li jistgħu jitfasslu bi sforz konġunt mill-industrija, l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u l-Kummissjoni; dawn l-istandards jbaxxu wkoll l-ostakoli għad-dħul fis-suq ta' fornituri tal-logħob tal-azzard minn pajjiżi Ewropej oħrajn. Inqas ostakoli għad-dħul fis-suq huma pass importanti lejn il-ħolqien ta' settur tal-logħob tal-azzard legali u regolat.

Il-protezzjoni ta' minuri kontra l-logħob tal-azzard jibqa' objettiv primarju; dan mhuwiex

iggovernat minn tradizzjonijiet jew minn kulturi differenti. Konsegwentement, hu ovvju li dak li jeħtieġ li jsir, hu, li jiġu stabbiliti standards pan-Ewropej komuni għall-protezzjoni tal-minuri u għall-ġlieda kontra d-dipendenza fuq il-logħob, kif ukoll dwar il-ħasil tal-flus u krimini oħra assoċjati mal-logħob tal-azzard. Dan jista' jsir permezz ta' proposta għal direttiva min-naħa tal-Kummissjoni li tistabbilixxi standards minimi applikabbli madwar l-Ewropa kollha, li jkunu obbligatorji għall-fornituri kollha tal-logħob tal-azzard onlajn. L-Istati Membru għandhom ikunu ħielsa li jżidu kriterji oħra magħhom. Jeħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu azzjoni deċiżiva biex jiżguraw protezzjoni minima uniformi u qawwija għall-konsumaturi madwar l-Ewropa.

F'ħafna mill-Istati membri, id-dħul mil-logħob tal-azzard jintuża wkoll għal skopijiet ta' karità u għal skopijiet ta' benefiċċju pubbliku u għall-finanzjament tal-isports. Madankollu dan japplika biss fil-każ ta' dawk il-fornituri tal-logħob tal-azzard legali u regolati; Fornituri illegali ma jħallsux taxxi u għalhekk ma jikkontribwixxu xejn lejn is-soċjetà. Suq irregolat fil-livell tal-Istati Membri jfisser li l-fornituri ta' servizz tal-logħob tal-azzard onlajn ikollhom iħallsu parti kbira mit-taxxi miġbura minn fuq il-logħob fil-pajjiż tal-lagħab. Dan huwa importanti biex ikun żgurat li d-dħul mil-logħob tal-azzard ikun disponibbli madwar l-Ewropa kollha għall-finanzjament tal-isports u skopijiet oħra ta' benefiċċju pubbliku; B'dan il-mod, fil-qasam tal-imħatri fuq it-tiġrijiet taż-żwiemel, pereżempju, jista' jiġi żgurat li parti mid-dħul mill-imħatri jmur għand dawk li jrabbu biex tkompli tiġi ffinanzjata t-trobbija.

Għal bosta drabi Sfortunament, fil-passat, kemm-il darba kien hemm każijiet ta' frodi fl-isports  Huwa fl-interess ta' dawk kollha involuti, jiġifieri l-federazzjonijiet tal-isports, is-sostenituri, il-fornituri tal-logħob tal-azzard u l-lagħaba, li jiżguraw l-integrità tal-isports u l-prevenzjoni tal-frodi fl-imħatri. Il-frodi tal-imħatri tista' tiġi miġġielda aħjar fil-livell Ewropew. Għalhekk il-Kummissjoni għandha, flimkien mal-Istati Membri, tiżviluppa sistema li tikkumbatti l-frodi fl-imħatri b'mod effikaċi. Azzjoni kollettiva kontra l-frodi fl-imħatri jkollha aktar saħħa kontra frodisti kriminali barra mill-Ewropa.

Għall-ġid tal-integrità fl-isports, għandhom jiġu evitati l-kunflitti ta' interess li jista' jkun hemm minn fornituri tal-logħob tal-azzard u l-klabbs sportivi. Madankollu, l-isponsorjar ta' klabb permezz ta' reklamar ta' logħob tal-azzard m'għandux, fih innifsu jitqies bħala kunflitt ta' interess. Għaldaqstant, m'għandux ikun hemm projbizzjoni ta' reklamar u sponsorjar.

5.9.2011

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET EKONOMIĊI U MONETARJI

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-Logħob tal-Azzard Onlajn fis-Suq Intern
(2011/2084(INI))

Rapporteur: Sophie Auconie

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar fl-importanza ekonomika li qed tikber b'rabta mas-settur tal-logħob tal-azzard onlajn, li d-dħul tiegħu kien ta' 'l fuq minn EUR 6 biljuni , jew 45 % tas-suq dinji, fl-2008; jaqbel mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li din hija attività ekonomika b'karatteristiċi speċifiċi; ifakkar li dan it-tkabbir jinkludi wkoll żieda fl-ispiża soċjali li tirriżulta minn imġiba kompulsiva u minn prattiki illegali fir-rigward tal-logħob tal-azzard, u li r-regolamentazzjoni tal-industrija għandha tfittex li timinimizza dawn l-ispejjeż permezz ta' standards adegwati fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni u tal-kundizzjonijiet ta' aċċess onlajn għal siti tal-logħob tal-azzard;

2. Jenfasizza li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu liberament bejn dawn it-tliet għażliet: il-projbizzjoni tal-logħob tal-azzard u l-logħob bil-flus onlajn; l-introduzzjoni jew il-preservazzjoni ta' monopolju nazzjonali; jew id-deregulazzjoni kkontrollata ta' dan is-settur, bl-Istati Membri jkollhom id-dritt, skont il-każistika stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, biex ikun restritt in-numru ta' operaturi, it-tipi ta' logħob offruti u l-volum tat-tali logħob; iħeġġeġ lill-Istati Membri li se jdaħħlu d-deregulazzjoni tas-settur tagħhom tal-logħob tal-azzard u tal-logħob bil-flus onlajn biex jintroduċu sistema ta' liċenzjar ibbażata fuq il-konformità minn operaturi u awtoritajiet pubbliċi bi speċifikazzjonijiet speċifiċi;

3. Itenni li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kkonfermat li servizzi transkonfinali tal-logħob tal-azzard – inklużi dawk ipprovduti elettronikament – jikkostitwixxu attività

ekonomika li taqa' taħt Artikolu 56 TFUE dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi; jafferma li restrizzjonijiet tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi transkonfinali tal-logħob tal-azzard jistgħu jkunu ġustifikati abbażi tal-eċċezzjonijiet referuti fl-Artikoli 51 u 52 tat-TFUE jew minħabba raġunijiet imperjużi ta' interess pubbliku, bi qbil mal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja;

4. Jafferma mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu li, f'qasam sensittiv bħal dak tal-logħob tal-azzard, l-awtoregolamentazzjoni tal-industrija tista' tikkumplimenta biss iżda mhux tissostitwixxi l-leġiżlazzjoni statutorja; jinnota l-inizjattivi awtoregolatorji mnedija minn assoċjazzjonijiet ta' operaturi pubbliċi u kummerċjali tal-logħob tal-azzard f'konnessjoni ma' logħob bil-flus b'mod responsabbli u standards oħra;

5. Jenfasizza li l-karatteristiċi inerenti tal-attivitajiet onlajn kollha, b'mod partikolari l-fatt li huma joperaw madwar konfini nazzjonali u l-proliferazzjoni ta' operaturi lil hinn mill-kosta, ifissru li dawn għandhom ikunu ttrattati b'mod koordinat fuq livell Ewropew jew dinji, fejn ikun il-każ; jenfasizza l-importanza ta' definizzjoni komuni għall-UE kollha tal-logħob tal-azzard onlajn bħala punt tat-tluq għal kwalunkwe leġiżlazzjoni futura;

6. Jinsisti fuq il-ħtieġa li l-lagħaba jiġu skoraġġuti milli jieħdu sehem f'logħob tal-azzard illegali, jiġifieri servizzi leċiti għandhom ikunu pprovduti bħala parti minn sistema li hija koerenti madwar l-Ewropa, speċjalment f'termini ta' trattament fiskali, u li tkun applikati standards minimi komuni ta' responsabilità u integrità; jistieden lill-Kummissjoni, b'attenzjoni xierqa għall-prinċipju tas-sussidjarjetà, biex tinvestiga kif dawn l-istandards komuni għandhom ikunu implimentati, inkluża l-kwistjoni jekk qafas leġiżlattiv Ewropew li jistipola r-regoli minimi ikunx xieraq;

7. Jenfasizza li l-logħob tal-azzard u l-logħob bil-flus onlajn, jekk mhux regolat kif suppost, jinvolvi riskji ikbar minn logħob tal-azzard u logħob bil-flus tradizzjonali, u li għandhom jittieħdu miżuri fuq livell Ewropew li jeqirdu l-frodi, il-ħasil tal-flus u operazzjonijiet illeċiti oħrajn marbutin mal-logħob tal-azzard onlajn; jitlob kooperazzjoni aktar effikaċi bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Europol, inklużi skambji regolari ta' informazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni testendi l-ambitu tal-leġiżlazzjoni maħsuba biex teqred il-kriminalità organizzata u l-ħasil tal-flus sabiex tinkludi s-settur tal-logħob bil-flus u tal-azzard; jirrakkomanda t-twaqqif ta' lista sewda ta' operazzjonijiet illegali; jappoġġa l-introduzzjoni tal-prinċipju regolatorju li bih kumpanija tal-logħob tal-azzard tkun tista' topera biss (jew titfa' offerta għal-liċenżja nazzjonali neċessarja) fi Stat Membru jekk ma tiksirx il-liġi f'xi wieħed mill-Istati Membri tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, għalhekk, biex tqis il-possibilità li tintroduċi standards interoperabbli tal-UE marbutin ma' sistema ta' sejba u ta' prevenzjoni tal-frodi biex tittejjeb is-superviżjoni globali tas-suq;

8. Jindika b'mod partikulari li l-ispread betting – forma ta' logħob tal-azzard li jsir primarjament onlajn u fejn il-konsumaturi jistgħu potenzjalment jitilfu ħafna drabi aktar mill-ġugata inizjali tagħhom – jeħtieġ kunidzzjonijiet stretti ħafna li jiggvernaw l-aċċess tal-konsumaturi u għandhom ikunu regolati, bħalma huwa diġà l-każ f'numru ta' Stati Membri, b'mod simili għal derivattivi finanzjarji;

9. Huwa tal-fehma li diversi forom ta' logħob tal-azzard onljan – bħalma huwa logħob interattiv rapidu taċ-ċans li għandu jintlagħab fuq frekwenza ta' sekondi, l-imħatri, u l-lotteriji li jinvolvu tlugħ kull ġimgħa – huma differenti minn xulxin u jinħtieġu

soluzzjonijiet differenti sakemm xi forom ta' logħob tal-azzard jaffordjaw opportunitajiet ikbar għal abbuż minn oħrajn; jinnota li l-opportunità għall-ħasil tal-flus tiddependi fuq is-saħħa ta' identifikazzjoni, it-tip ta' logħba u l-metodi użati għall-pagamenti, li jagħmlu neċessarju, fir-rigward ta' xi forom ta' logħob, li l-logħba tkun immonitorjata fil-ħin reali u jkun eżerċitat kontroll aktar strett milli huwa l-każ b'forom oħra ta' logħob;

10. Jenfasizza li l-kooperazzjoni strutturali bejn l-entitajiet regolatorji nazzjonali hija essenzjali; jitlob, għalhekk, li koopereazzjoni simili tkun imkabbra, bl-involviment tal-Kummissjoni, sabiex ikunu żviluppati standards komuni u tittieħed azzjoni konġunta kontra kumpaniji ta' logħob tal-azzard onljan li qed joperaw f'wieħed jew aktar Stati Membri mingħajr il-liċenzja(i) nazzjonali neċessarja(i) għal-logħob kollu li joffru; isemmi d-diskussjonijiet fil-Kunsill dwar jekk, u b'liema mod, is-Sistema ta’ Tagħrif tas-Suq Intern tkun tista' tikkontribwixxi biex ikun hemm koopereazzjoni aktar effikaċi bejn l-entitajiet nazzjonali regolatorji; jiddikjara li, b'mod partikulari fil-ġlieda kontra kontra l-ħasil tal-flus, il-frodi fuq l-imħatri u delitti oħra – li spiss ikunu organizzati – soluzzjonijiet strettament nazzjonali mhumiex sodisfaċenti; huwa tal-fehma li l-kooperazjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-ġbir tal-aqwa prattiki għandhom ikunu promossi, u li awtoritajiet simili għandhom jiskambjaw informazzjoni mal-awtoritajiet responsabbli ta' Stati Membri oħra sabiex ikunu pprevenuti abbużi u ħasil ta' flus;

11. Jenfasizza li logħob tal-azzard kompulsiv huwa fil-fatt diżordni fl-imġiba li jista' jaffettwa sa 2% tal-popolazzjoni f'xi pajjiżi; jitlob, għalhekk, li jsir studju dwar il-livell ta' dipendenza f'kull Stat Membru tal-UE bħala bażi għal strateġija integrata mfassla biex tipproteġi l-konsumaturi minn din id-dipendenza; huwa tal-fehma li hekk kif jinħoloq kont tal-logħob tal-azzard, informazzjoni komprensiva u preċiża għandha tkun disponibbli għar-rigward ta' logħob tal-azzard, logħob tal-azzard responsabbli u opportunitajiet għal trattament ta' dipendenza fuq il-logħob tal-azzard; jissuġġerixxi li l-lagħaba għandhom ikunu mistednin biex jistabbilixxu huma nfushom limiti ta' nfiq kuljum u kull xahar applikabbli għas-servizz sħiħ tal-logħob tal-azzard;

12. Jitlob l-introduzzjoni ta' standards minimi statutorji għall-protezzjoni, speċjalment għall-konsumaturi l-aktar vulnerabbli, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri biex jadottaw regoli aktar speċifiċi;

13. Jenfasizza l-bżonn li tkun indirizzata l-protezzjoni tal-kontijiet tal-konsumaturi miftuħin fir-rigward tal-logħob tal-azzard onlajn f'każ li l-fornitur tas-servizz ifalli; jissuġġerixxi, għalhekk, li kull leġiżlazzjoni futura timmira biex tipproteġi depożiti f'każ fejn ikunu imposti multi fuq siti elettroniċi inkwistjoni, jew proċeduri legali kontrihom;

14. Jinsisti biex isir aktar biex it-tfal ikunu protetti mill-perikli tal-logħob tal-azzard u partikolarment il-perikli tad-dipendenza; jissuġġerixxi li tingħata kunsiderazzjoni lil salvagwardji u monitoraġġi ffinanzjati mill-industrija; huwa tal-fehma li l-logħob tal-azzard onlajn għandu jkun suġġett għal rekwiżit biex jinfetaħ kont tal-logħob tal-azzard, li l-lagħaba għandhom ikunu identifikati b'mod preċiż u strett qabel ma jkunu jistgħu jiftħu kont, u li tranżazzjonijiet finanzjarji għandhom ikunu mmonitorjati, u jaqbel li dawn l-aspetti kollha għandhom ikunu rekwiżiti assoluti sabiex jipproteġu l-lagħaba, jiżguraw li l-projbizzjonijiet tas-sistemi tal-logħob tal-azzard huma effettivi u jipprevjenu logħob tal-

azzard taħt l-età, abbużi u kriminalità;

15. Jinnota li numru kbir ta' persuni li jieħdu sehem fil-logħob tal-azzard huma lagħaba professjonali; huwa tal-fehma li għandu jkun possibbli li jiġi identifikat l-lagħabi f'kull ħin sabiex ikun impossibbli li jinħoloq iktar minn kont wieħed għal-logħob tal-azzard għal kull persuna mal-istess kumpanija tal-logħob tal-azzard; isostni li dan għandu jsir permezz ta' proċedura standardizzata ta' identifikazzjoni infallibbli bħalma huma s-sistemi ta' verfika onlajn użati għal karti tal-bank u tal-kreditu,  jenfasizza li reġistrazzjoni b'saħħitha u s-sistemi ta' verifika huma għodod ewlenin fil-prevenzjoni ta' kull użu ħażin ta' logħob tal-azzard onlajn, bħalma hu l-ħasil tal-flus;

16. Huwa tal-fehma li l-proliferazzjoni tal-logħob tal-azzard onlajn u l-fatt li l-logħob tal-azzard onlajn mhuwiex regolat fuq livell globali jistgħu jirrappreżentaw theddida għall-integrità tal-isport; jenfasizza li l-ħarsien tal-kredibilità u tas-sinċerità fil-kompetizzjonijiet huwa fundamentali għall-industrija; jenfasizza li din tista' ssir b'mod effikaċi fil-livell tranżnazzjonali biss; huwa tal-fehma li l-Unjoni Ewropea għandha għalhekk ikollha rwol aktar prominenti fil-ħarsien tal-integrità tal-isport, flimkien mal-partijiet interessati kollha;

17. Jiddeplora l-każijiet reċenti ta' korruzzjoni u l-logħob miftiehem fl-isport; jitlob, għalhekk, it-twaqqif ta' kooperezzjoni strutturali fuq il-livell ta' UE sabiex jinżammu l-intergrità u l-logħob ġust fl-isport skont l-Artikoli 6, 83 u 165 ta' TFUE; jinnota li kooperazzjoni simili għandha tinvolvi organizzaturi tal-kompetizzjonijiet sportivi, operaturi tal-imħatri onlajn u awtoritajiet pubbliċi, sabiex tiġi promossa l-edukazzjoni tal-lagħaba u tikkoordina l-azzjoni kontra l-frodi u l-korruzzjoni fl-isports permezz tal-iskambju tal-informazzjoni u l-għarfien espert u billi tapplika d-definizzjoni komuni tal-kunċetti ta’ ksur u sanzjonijiet;

18. Jenfasizza li l-logħob tal-azzard onlajn huwa sors sinifikanti ta' finanzjament għall-industrija tal-isports u attivitajiet oħrajn ta' interess ġenerali;  ifakkar li l-imħatri onlajn huma forma waħda ta’ sfruttament kummerċjali tal-kompetizzjonijiet sportivi; jitlob lill-Kummissjoni tistudja modi fejn dħul mill-isports tal-imħatri jista' b'rutina jkun użat biex jissalvagwardja u jiżviluppa l-intergrità ta' sport amatorjali; jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li hemm livell għoli ta’ sigurtà legali, partikolarment rigward l-applikazzjoni tar-regoli relatati mal-għajnuna mill-istat;

19. Jinnota l-importanza tat-trasparenza fis-settur tal-logħob tal-azzard onlajn; jipprevedi, f'dan ir-rigward, obbligi ta' rappurtar annwali, li għandu juri, inter alia, liema attivitajiet ta' interess ġenerali u/jew kompetizzjonijiet sportivi huma ffinanzjati u/jew sponsorjati permezz tal-profitti mil-logħob tal-azzard; jitlob lill-Kummissjoni tinvestiga l-possibilità ta' rappurtar obbligatorju annwali.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 31.8.2011 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 38<br>–: 0<br>0: 2 |

| | |
|---|---|
| **Members present for the final vote** | Burkhard Balz, Sharon Bowles, Udo Bullmann, Pascal Canfin, Nikolaos Chountis, Rachida Dati, Leonardo Domenici, Diogo Feio, Markus Ferber, Ildikó Gáll-Pelcz, José Manuel García-Margallo y Marfil, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Liem Hoang Ngoc, Jürgen Klute, Philippe Lamberts, Astrid Lulling, Arlene McCarthy, Sławomir Witold Nitras, Ivari Padar, Alfredo Pallone, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Edward Scicluna, Theodor Dumitru Stolojan, Ivo Strejček, Marianne Thyssen, Corien Wortmann-Kool, |
| **Substitute(s) present for the final vote** | Sophie Auconie, Pervenche Berès, Herbert Dorfmann, Sari Essayah, Vicky Ford, Ashley Fox, Olle Ludvigsson, Thomas Mann, Sirpa Pietikäinen, Andreas Schwab, Theodoros Skylakakis, Catherine Stihler |
| **Substitute(s) under Rule 187(2) present for the final vote** | Kriton Arsenis (S&D), Knut Fleckenstein (S&D), Bill Newton Dunn (ALDE) |

13.7.2011

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET LEGALI

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-Logħob tal-Azzard Onlajn fis-Suq Intern
(2011/2084(INI))

Rapporteur: Sajjad Karim

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jindika li l-logħob tal-azzard onlajn huwa attività ekonomika ta' natura speċjali, li għalih ir-regoli tas-suq intern, bħal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, ma japplikawx mingħajr restrizzjoni;

2. Jenfasizza li fatt l-Istati Membri għandhom id-dritt li jirregolaw u jikkontrollaw is-swieq tal-logħob tal-azzard tagħhom skont il-leġiżlazzjoni tas-suq intern Ewropew u bit-tradizzjonijiet u l-kultura tagħhom;

3. Jinnota li, filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat għadd ta' kwistjonijiet legali importanti li jikkonċernaw il-logħob tal-azzard onlajn fl-UE, tibqa' l-inċertezza legali fir-rigward ta' għadd ta' kwistjonijiet oħra, li jistgħu jiġu solvuti biss fil-livell politiku;

4. Jenfasizza li f'sentenzi riċenti[1] l-Qorti tal-Ġustizzja kkjarifikat li r-restrizzjonijiet regolatorji tal-Istati Membri għandhom ikunu ġustifikati, konsistenti u konformi mal-objettivi legali fil-mira sabiex jipproteġu l-konsumaturi, jevitaw il-frodi u jħarsu l-ordni pubbliku;

5. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jintroduċu mekkaniżmi effikaċi li jżidu l-konoxxenza tar-riskji tal-vizzju tal-logħob tal-azzard, immirati b'mod partikolari lejn iż-żgħażagħ.

[1] Kawżi magħquda C-316/07, C-358/07, C-359/07, C-360/07, C-409/07 u C-410/07, Markus Stoß, għadhom mhumiex ippubblikati.

6. Jitlob lill-Kummissjoni biex tappoġġja lill-konsumaturi jekk ikunu ġew affettwati minn prattiki illegali u joffrulhom l-appoġġ legali;

7. Jilqa' d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li logħob differenti għandu riskji inerenti differenti u jitlob għal regolament differenzjat;

8. Jitlob standards minimi ta' protezzjoni tal-konsumatur mil-logħob tal-azzard onlajn, li jippermettu lill-Istati Membri jkollhom regoli aktar stretti;

9. Jenfasizza l-importanza ta' liċenzji nazzjonali għall-operaturi tal-logħob tal-azzard onlajn; iqis li f'dan ir-rigward l-Istati Membri jinsabu fl-aħjar qagħda biex jieħdu azzjoni, f'konformità mal-prinċipju ta' solidarjetà;

10. Jinnota l-fatt li seta' jsir aktar progress fil-kawżi ta' ksur pendenti mill-2008 'l hawn u li l-ebda Stat Membru ma tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

11. Jilqa' l-preżentazzjoni ta' Green Paper mill-Kummissjoni bħala pass fid-direzzjoni t-tajba u jemmen li azzjoni mill-Kummissjoni f'dan il-qasam hi meħtieġa biex tiġi evitata frammentazzjoni tas-suq intern u jiġi żgurat l-aċċess tal-konsumaturi għal servizzi onlajn sikuri u regolati sew; jappoġġa t-twettiq ta' konsultazzjoni pubblika wiesa' min-naħa tal-Kummissjoni, li tindirizza l-isfidi tal-politika u l-kwistjonijiet tas-suq intern kollha li jinħolqu minn logħob tal-azzard onlajn leġittimu u illegali;

12. Ifakkar lill-Kummissjoni, bħala l-gwardjan tat-Trattati, dwar dmirijietha li taġixxi malajr meta tirċievi lmenti ta' ksur tal-libertajiet stabbiliti fit-Trattati; ifakkar lill-Kummissjoni, għalhekk, biex b'mod urġenti u sistematiku tmexxi kawżi ta' ksur ġodda kif ukoll dawk eżistenti;

13. Jilqa' l-Ftehim tas-sessjoni ta' ħidma tas-CEN[1], iżda madankollu jafferma l-pożizzjoni tiegħu li, fil-qasam tal-logħol tal-azzard, l-awtoregolamentazzjoni tal-industrija tista' tikkumplimenta biss, iżda mhux tissostitwixxi l-leġiżlazzjoni statutorja;

14. Jerġa jafferma l-pożizzjoni tiegħu li l-imħatri tal-isports huma forma ta' użu kummerċjali tal-kompetizzjonijiet tal-isports, u jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jipproteġu l-kompetizzjonijiet tal-isports minn kwalunkwe użu kummerċjali mhux awtorizzat, speċjalment permezz tar-rikonoxximent tal-proprjetà intellettwali tal-korpi sportivi tal-kompetizzjonijiet li jorganizzaw, mhux biss biex jiżguraw dħul finanzjarju ġust għall-benefiċċju tal-livelli kollha ta' sport professjonali u tad-dilettanti, iżda wkoll bħala mezz biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra x-xiri tal-logħob;

15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-manipulazzjoni frawdolenti tar-riżultati għal vantaġġ finanzjarju jew ieħor ikun projbit billi jiġi stabbilit bħala reat kriminali kwalunkwe theddid lill-integrità tal-kompetizzjonijiet, inklużi dawk marbuta mal-operazzjonijiet tal-imħatri;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti leġiżlattivi sinifikanti sabiex jiġi stabbilit qafas legali li joħloq ċertezza legali għan-negozji Ewropej leġittimi u jipproteġi lill-

[1] CWA 16259:2011: Responsible Remote Gambling Measures.

konsumaturi;

# RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 11.7.2011 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 22<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Raffaele Baldassarre, Luigi Berlinguer, Sebastian Valentin Bodu, Françoise Castex, Christian Engström, Marielle Gallo, Klaus-Heiner Lehne, Antonio Masip Hidalgo, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Francesco Enrico Speroni, Dimitar Stoyanov, Alexandra Thein, Rainer Wieland, Cecilia Wikström, Tadeusz Zwiefka |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Kurt Lechner, Eva Lichtenberger, Toine Manders, Paulo Rangel, Dagmar Roth-Behrendt |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Giuseppe Gargani |

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 6.10.2011 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 30<br>–: 1<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Adam Bielan, Lara Comi, Anna Maria Corazza Bildt, António Fernando Correia De Campos, Jürgen Creutzmann, Christian Engström, Evelyne Gebhardt, Louis Grech, Małgorzata Handzlik, Iliana Ivanova, Edvard Kožušník, Kurt Lechner, Toine Manders, Hans-Peter Mayer, Phil Prendergast, Mitro Repo, Robert Rochefort, Zuzana Roithová, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Emilie Turunen, Bernadette Vergnaud, Barbara Weiler |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Marielle Gallo, Anna Hedh, Constance Le Grip, Emma McClarkin, Sylvana Rapti, Oreste Rossi, Wim van de Camp |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) prezenti għall-votazzjoni finali** | Alexander Alvaro, Monika Hohlmeier, Axel Voss, Pablo Zalba Bidegain |